MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Numru 756/1999

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Portelli)
vs
Martin Formosa u Raymond Galea

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Martin Formosa, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 584459(M) u Raymond Galea detentur tal-karta tal-identita bin-numru 237858(M); li permezz taghhom huma gew akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fil-perjodu ta’ bejn il-bidu ta’ Jannar tal-1996 u l-ahhar ta’ Ottubru tal-1998, f’hinijiet differenti, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna/i ohra mis-somma ta’ LM15,000 ghad-dannu ta’ Chef Choice Ltd, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depositu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-imsemmija somma jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikli 293, 294, 310 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imptutati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti, inkluz iz-zewg imputati fuq imsemmija minn jeddhom u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi il-Pulizija tat-taqsima ta' kontra l-Frodi kienet irceviet rapport f'Lulju tal-1999 sabiex jinvestigaw kaz ta' allegat misappropjazzjoni fil-kumpannija Chef Choice. L-Ispettur Ivan Portelli kien xehed illi huwa kien baghat ghall-kwerelanti illi kienu ipprezentawlu dokumenti li kienu jinkludu 'loading sheets', 'spread sheets' tal-kumpannija, kif ukoll 'invoice books' ghas-sena 1999. Il-kwerelanti kienu hadu wkoll l-'accountant' tal-kumpanija ghand l-Ufficjal Prosekutur u skond l-Ufficjal Prosekutur, dak iz-zmien l-Ispettur Ivan Portelli, deher car li kien hemm diskrepanzi bejn it-'total load' u it-'total sales'; liema diskrepanza kienet tammonta ghall-hmistax-il elf lira. Dana wara li kien sar il-process tar-reconciliation. L-Ispettur Portelli kien baghat ghall-imputat Raymond Galea illi kien irrilaxxalu zewg stqarrijiet. L-Ispettur kien baghat ukoll ghall-imputat Martin Formosa illi skond hu kien responsabbli li jqabbel il-bilanc tat-'total load' mat-'total sales' u Formosa kien ukoll irilaxxja stqarrija lill-Ufficjal Prosekutur. L-Ispettur Ivan Portelli kien xehed illi d-diskrepanzi kienu irrizultaw lill-

prosekuzzjoni meta qabbel il-‘loading sheets’ mas-sales totali li kienet ghamel il-kumpannija Chef Choice. L-Ispettur Portelli, in kontro-ezami, kien ammetta illi mill-ewwel darba li kienu gew ikellmuh l-parte civile Joe Mizzi u l-‘accountant’ Mario Tabone, l-ammont imsemmi bhala diskrepanza kien ferm inqas minn dak li jidher fl-akkuza odjerna. Pero’ zied jghid illi meta kienu kellmuh l-ewwel darba l-kwerelanti kemm infurmawh li kienu ghadhom ghaddejjin bil-process li jahdmu il-‘reconciliation’ kollha. L-Ispettur Portelli xehed ukoll illi huwa kien staqsihom jekk ir-‘reconcilation’ kienitx issir kull sena u huma kienu wiegbuh illi fil-perjodu bejn l-1996 u l-1998 kien hemm pressjoni ta’ xoghol u ghalhekk il-process ta’ ‘reconciliation’ ma kienx qieghed isir f’dak il-perjodu.

Ikkundisrat :

Illi Raymond Galea kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-7 ta’ Awissu, 1999 fejn kien qalilhom illi huwa kien ‘salesman’ mal-kumpanija Chef Choice Limited u waqaf jahdem minn ma din il-kumpanija f’October 1998 u r-raguni li kien waqaf kienet illi kien baghat ghalih Joe Mizzi, kien baghat ghalih flimkien mas-‘salesmen’ kollha, u lilu kien qallu li fil-ktieb tal-affarijiet illi ibiegh kien hemm disghin lira li ma dehrux. Raymond Galea kien qal lil Joe Mizzi li dan ma setghax ikun u Joe Mizzi kien issuggerielu biex jiltaqghu mal-‘accountant’ Mario Tabone. Meta daru l-karta ta’ dik il-gimgha l-ammont ta’ disghin lira naqas ghal erbghin lira. Pero’ l-erbghin lira huwa ma setghax jifhem minn fejn gew. Joe Mizzi kien qallu li ahjar jirrizenja sabiex jekk hu isib xi haga nieqsa l-imputat Raymond Galea kellu jaghtih id-differenza bil-kwiet minghajr ma jidhlu l-pulizija. Raymond Galea qal illi hu kien wiegbu billi qallu illi setgha idahhal lil min ried ghaliex hu ma kien ha xejn. Mistoqsi kemm ghandu jaghti flus b’kollox lil Chef Choice Limited, l-imputat Raymond Galea wiegeb li ma kellu jaghtihom xejn, anzi kellu jiehu hu minghandhom ta’ gimghatejn paga, li baqghu ma tawhomlux. Mistoqsi jekk ghandux jaghtih ‘stock’ li jammonta ghal aktar minn hmistax il-elf lira huwa wiegeb li ma ghandu jaghtih xejn. Raymond Galea gie muri umbaghad lista ta’ ‘weekly stock reconciliation’ mibghuta

minn Chef Choice Limited li kienet tindika diskrepanza ta' 'stock' li ghalih ma kienx hemm rendikont mill-perjodu 9 ta' Awissu, 1996 sal-24 ta' Jannar, 1997 u l-perjodu mill-21 ta' Awissu, 1998 sad-29 ta' Ottubru, 1998 u Raymond Galea wiegeb illi huwa ma riedx ihares lejn il-lista ghaliex kull nhar ta' Gimgha kienu jaghmlu l-istock tal-van u kien jinghata karta fis-sens li kienu qablu bhala "reconciliation" u dana kien isir regolarment. Mistoqsi min kien jaghmel l-"istock" tal-van Galea wiegeb li diversi nies kienu jaghmlu dan ix-xoghol u wiehed minnhom kien certu Martin Formosa. Galea gie mistoqsi jekk kienux jigu iccekkjati l-ircevuti u wiegeb li kienu jigu iccekkjati kollha dawn l-ircevuti. Mistoqsi min kien jaghmel dan ix-xoghol, huwa wiegeb li diversi nies kienu jaghmlu dan ix-xoghol. Galea gie mistoqsi jekk kienux jaghmlu 'stock taking' tal-istock kollu li kienu jiehdu u wiegeb illi probabbilment kien isir 'stock taking' tal-fabbrika kollha darba fix-xahar. Galea umbaghad gie muri kopja ta' ittra li kien baghat l-Avukat tieghu Dr Jose Herrera lill-kumpanija Chef Choice u huwa wiegeb li huwa kien mar ghand l-Avukat tieghu, spjegalu illi kienu qeghdin jallegaw li kellu jaghtihom xi flus u qal ukoll illi kien qal lill-Avukat tieghu illi huwa ma kellu jaghtihom xejn lill-kumpanija Chef Choice. Huwa qal illi l-Avukat kien qallu biex joffri li jhallas is-somma ta' sitt mitt lira minghajr pregudizzju u skond hu huwa ma kienx jaf xi tfisser il-kelma "minghajr pregudizzju" u meta staqsa lill-Avukat ghalfejn kienu ser jaghmlu din l-ittra, skond hu l-Avukat qallu "biex naraw x'ghandhom f'mohhom huma." Galea kompla jghid fl-istqarrija tieghu li sussegwentement kien irceva ittra minghand ic-Chef Choice fejn ma kienux laqghu t-talba tal-Avukat tieghu. Galea kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa qatt ma kien accetta li jhallas sitt mitt lira lil Chef Choice. Huwa kien halla kollox f'idejn l-Avukat u skond hu l-Avukat kien baghad din l-ittra fis-sens illi hu kien lest li jhallas lis-Chef Choice is-somma ta' sitt mitt lira minghajr pregudizzju sabiex ikun jaf x'ghandhom f'mohhom. Galea kompla jghid illi huwa kien insista mal-Avukat tieghu li hu ma kellu jaghti xejn lil Chef Choice u ma kienx dispost illi jhallashom lanqas centenzmu wiehed. Hu qal illi anke li kieku ix-Chef Choice accettaw l-offerta tieghu huwa ma kienx ser ihallashom xejn. Galea kompla jghid illi darba minnhom kien mar mal-Avukat tieghu jiltaqa

ma rapprezentant ta’ Chef Choice li kienu gabu dokumenti li kienu kitbu huma. Mistoqsi kienx dispost li jhallas lil Chef Choice Limited huwa wiegeb li ma kienx dispost li jhallas ghaliex hu ma kien hadilhom xejn. Huwa cahad illi qatt kien qatta ircevuti jew kotba ta’ Chef Choice Limited u mistoqsi l-procedura li kienu juzaw biex jiehdu x-xoghol huwa qal illi kull filghodu kienu jaghmlu x-xoghol fil-van, kull oggett kien jitnizzel bil-miktub fuq ktieb, umbaghad hu kien imur iqassam ix-xoghol fi hwienet, jidhol lura fil-fabbrika u jekk ikollu xi xoghol li jkun frisk idahhlu ‘return’. Fl-ahhar tal-gimgha kienu iqabblu l-istock. Huwa qal illi huwa dejjem biegh ix-xoghol ta’ Chef Choice Limited biss u cahad kategorikament illi qatt ha xi xoghol ta’ Chef Choice ghall-uzu personali tieghu. Finalment Galea qal illi l-ircevuti li kienu jimlew la kienu jiffirmawhom u lanqas kien jigi moghti kopja taghhom u ma jistax jahlef jekk persuni ohrajn setghux kitbu xi haga ohra fuq dawn l-ircevuti peress li kien jibqa hafna spazzju fejn wiehed setgha jikteb. Huwa qal ukoll li f’dik il-gimgha ta’ wara li kien telaq mill-impieg mac-Chef Choice kien irceva telefonata anonima fejn kienu wissewh biex joqghod attent ghaliex Mizzi kien ser jisloh li seta’ minghandu. Huwa qal ukoll illi l-iskrivani qatt ma tawh ircevuti tal-flus li kien jaghtihom tax-xoghol tax-Chef Choice li kien ibiegh.

Illi Raymond Galea irrilaxxja stqarrija ohra lill-pulizija datata 13 ta’ Settembru, 1999. Huwa spjega l-procedura tal-istock meta jigi biex jghabbi u meta jigi biex ihott. Huwa qal illi fil-gurnata tat-Tnejn filghodu kien jaghti l-ordni lill-‘handler’ bil-miktub u l-‘handler’ kien johrog l-ordni. L-ordni kienet tigi mizmuma mill-iskrivan u minn hemm tigi mghobbija fil-van. Dan kollu kien jitnizzel fil-‘Loading Sheet’. Huwa kien jaghmel il-ronda tieghu, dak li ibiegh kien inizzel fl-‘invoice book’ u dak li ma kienx ibiegh kien jibqa storjat fil-van. Din il-procedura kienet issir il-granet kollha tal-gimgha. Fl-ahhar tal-gimgha kien isir il-‘closing stock’ u dan billi jinghad jew jintizen dak kollu li jkun fadal fil-van. Huwa qal illi dan kollu kien jitnizzel fuq formoli apposta u illi l-‘closing stock’ kien isir minn diversi persuni u mhux minn persuna wahda biss. Mistoqsi min kienet il-persuna li tikkontrolla din il-procedura huwa semma diversi persuni Chris, Claude, Duncan, Adrian,

Mario Schembri, Joe Mizzi, Martin, Jonathan, Freddie u ohrajn. Huwa qal illi qatt ma gie mistoqsi dwar xi diskrepanzi kemm dam impjegat mal-kumpannija Chef Choice. Mistoqsi jekk meta kien impjegat max-Chef Choice kienux isiru 'spot checks' fuq il-vetturi mghobbija huwa wiegeb fl-affermattiv u qal illi lilu qatt ma sarulu diskrepanzi la fl-uzin u lanqas fit-tghabbija. Ray Galea gie muri diversi 'invoice books' bl-isem Ray fuqhom u qal illi dawk kienu tieghu u l-kitba fuqhom kienet tieghu. Huwa qal illi dawn kien jimlihom meta ibiegh ix-xoghol lil tal-hanut u qal li lil tal-hanut kien jaghtih il-karta il-bajda u fil-ktieb kienet tibqa l-karta r-roza, liema karta hija innumerata. Huwa gie muri diversi 'loading sheets' u qal li ma setghax jghid x'kienu dawn il-'loading sheets', pero' qal illi meta kien jigi mghobbi il-van kien jitnizzel kollox fuq il-formoli, izda ma kienx jaf ezatt liema. Raymond Galea umbaghad gie muri firma fuq ix-'sheets' u huwa qal illi l-firma zgur li ma kienitx tieghu. Qal ukoll illi kien rari li xi hadd mis-'salesmen' kien jiffirma waqt il-'loading'. Galea umbaghad gie mistoqsi jekk setghax iwiegeb dwar id-differenzi li hemm fir-'reconciliation sheets' li kien qieghed jigi muri u qal illi l-'loading sheets' il-blu huwa qatt ma rahom fiz-zminijiet tan-1996. Fil-fatt qal illi dak iz-zmien il-'loading sheets' kienu ta' kulur abjad biss. Dwar id-diskrepanzi huwa qal illi ma jistax ikun peress illi kienu isiru l-kontrolli kulljum u assuma li kieku kien hemm xi diskrepanzi dawn kienu johorgu mal-ewwel, peress illi dawn kienu anke jigu iccekkjati mill-Manager Joe Mizzi. Mistoqsi dwar il-'loading sheets' is-sofor li kienu jintuzaw fin-1998 huwa qal illi ma jistax jghid ezatt jekk humiex dawk il-'loading sheets' jew le li jaf hu li kienu inizzlu t-tghabija fuq 'loading sheets' u dan kollu kien jigi registrat. Mistoqsi jekk qattx kien biegh xi prodotti tax-Chef Choice lil xi hwienet minghajr ircevuta huwa qal illi dan ma kienx minnu u ma setghax ikun peress li kien jitnizzel kollox ta' x'jibqa meta isir il-'closing stock' fl-ahhar tal-gimgha. Mistoqsi jekk kienx jiffirma l-'closing stock sheets' huwa qal illi ma kienx jiffirma l-'closing stock sheets' hlief ghal xi ftit okkazzjonijiet. Huwa qal li ma jiftakarx l-ghamla ta' dawn il-formoli u qal ukoll illi l-firma li kienet tidher fuq il-'loading sheets' is-sofor ma kienitx tieghu.

Ikkundisrat :

Illi Martin Formosa ukoll irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qalilhom li kien impjegat mal-kumpanija Chef Choice fil-perjodu bejn il-15 ta’ Jannar, 1996 sal-15 ta’ Awissu, 1997. Huwa kien impjegat bhala skrivan. L-imputat Martin Formosa ghazel li ma iwiegibx ghal diversi domandi ohrajn li sarulu, pero’ meta gie mistoqsi jekk kellux xi problemi mal-istaff tax-Chef Choice qal illi qatt ma kellu problemi u qal ukoll illi meta hadem mal-kumpanija Chef Choice jew qabel qatt ma kellu problemi finanzjarji. Mistoqsi ghalfejn telaq mill-impjieg max-Chef Choice qal illi kien ghamel hekk peress illi kien sab opportunita ahjar, fis-sens illi sab salarju ahjar. Umbaghad l-imputat Martin Formosa ghazel li ma jwiegibx ghal domandi ohrajn illi sarulu u ghazel ukoll illi ma jiffirmax l-istqarrija tieghu.

Illi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz kien Joseph Mizzi, Managing Director u proprjetarju tal-Kumpanija Chef Choice Limited. Huwa qal illi l-imputat Martin Formosa kien jahdem maghhom bhala skrivan u l-imputat Raymond Galea kien jahdem maghhom bhala salesman, delivery man. Huwa xehed illi f’Lulju, 1999 kien ghamel rapport lill-pulizija dwar iz-zewg imputati u dana peress illi wara li ghamlu xi ‘stocks’ kienu sabu ammont sustanzjali ta’ affarijiet neqsin u meta bdew jiccekkjaw ir-records taghhom irrizultalhom li kienu qeghdin jittabbew b’certu affarijiet li kienu jikkonsistu f’ikel iffrizat. L-affarijiet kienu qeghdin jitghabbew mal-flus taghhom, skond is-Sur Mizzi ma kienux qeghdin jidhlu fil-kumpannija kif suppost. Ix-xhud kompla jghid illi darba minnhom ghamlu ‘spot check’ u marru jaraw ix-xoghol illi kien ghabba Raymond Galea, liema xoghol kien ghabbih Raymond Formosa u sabu kaxxa vitella li ma kienitx rekordjata u kienet fil-van. Martin Formosa kien qalilhom dakinhar illi kien sab zbal, umbaghad l-accountant beda jahdem il-karti li kienu gew iccekkjati minn Martin Formosa u kienu instabu xi diskrepanzi. Illi skond ix-xhud is-salesman kien jaghmel l-ordni u x-xoghol kien johrog u xoghol Martin Formosa kien li jiccekkja x-xoghol li kien qieghed jitghabba. Huwa xehed illi s-sistema ta’

reconciliation bdew jimlewha ftit qabel ma kienu avvicinaw l-Ispettur Ivan Portelli. Huwa xehed ukoll illi meta bdew jinnotaw id-diskrepanzi ma kienux qeghdin jaghmlu ‘reconciliation’ ghaliex kellhom pressjoni kbira ta’ xoghol. Meta sabu d-diskrepanzi, kien hemm hekk illi iddecidew illi jaghmlu l-process kollu ra’ ‘reconciliation’ u sabu nuqqas ta’ hmistax-il elf lira. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx jaf kif kienet issir il-sistema tal-‘loading’, pero’ kien jaf illi l-imputat Martin Formosa kien inkarigat mill-‘loading’.

Illi xhud ewlieni iehor tal-Prosekuzzjoni kien Mario Tabone, l-‘accountant’ tal-kumpanija Chef Choice. Huwa xehed illi bhala kumpanija kellhom zewg tipi ta’ impjegati ‘delivery man’ u ‘salesman’. Id-‘delivery man’ jiehu l-ordni bit-‘telephone’ u jaghmel id-‘delivery’ tal-‘items’ ordnati u is-‘salesman’ ikun speci ta’ ‘self-employed’, ikollhom il-van taghhom, il-van tas-‘salesman’ jigi mghobbi bix-xoghol skond kif jitlob is-‘salesman’. Is-‘salesman’ ikollu r-‘records’ tieghu, idur il-klijentela tieghu u generalment ir-ronda jaghmluhielhom huma stess. Jghidulhom biex iduru per ezempju l-‘butchers’ ta’ ‘area’ partikolari. U sabiex ikollhom record fuq il-vannijiet fil-kaz tas-‘salesmen’ huma jaghmlu ‘loading sheet’ li fuqha inizzlu l-‘items’ li qeghdin jitpoggew fil-van tas-‘salesman’. Is-‘salesman’ johrog bix-xoghol u jaghmel ir-ronda, umbaghad huma ikollhom l-‘invoice books’ u f’dawn l-‘invoice books’ is-‘salesman’ inizzlu ghand min marru u x’ikunu bieghu. Skond ix-xhud dejjem issir il-‘cash reconciliation’. Meta jigi s-‘salesman’ lura fl-ahhar tal-gurnata joqghod quddiem skrivan tal-kumpanija, jiftah s-‘sales invoice books’ li jkunu datati f’dik il-gurnata partikolari u jibda jaqra minn fuqhom ir-ronda, per ezempju mort ghand it-tali u bieghejt it-tali affarijiet etc. etc. Huma jitolbu l-flus lis-‘salesman’ li ovvjament jghaddilhom il-flus u din il-procedura issir kuljum. Apparti minn hekk issir il-reconciliation ta’ l-istocks. Ix-xhud qal illi fil-perjodu in kwistjoni fin-1996 minhabba pressjoni ta’ xoghol ir-‘reconciliation’ ta’ stocks ma kienitx qeghda issir. Pero’ d-dokumenti kienu qeghdin jintlew bil-mezz normali. Ix-xhud rega’ qal illi l-procedura tar-‘reconciliation’ fin-1996 ma kienitx qeghda issir u dana minhabba pressjoni ta’ xoghol. Fin-1998 dahlu nies godda mal-kumpanija u wasslu biex jergghu jibdew jaghmlu ir-‘reconciliation

procedure'. Martin Formosa kien spicca minn mal-kumpanija fin-1998 u allura x-xoghol ta' 'reconciliation' kellu jaghmlu x-xhud. Dak iz-zmien Martin Formosa kien ittermina l-impieg tieghu volontarjament minn mal-kumpanija u x-xhud ghamel 'reconciliation' ta' gimgha partikolari u sab diskrepanza ta' sitta u sebghin kilo 'chicken quarters' u din kienet tikkoncerna lill-imputat Raymond Galea. Huma avvicinaw lill-imputat Raymond Galea talbuh spjegazzjoni u skond hu Galea ma tahielhomx. F'dak il-punt id-Direttur Mizzi kien talab lil Galea sabiex jirrizenzja u hu gie mitlub jaghmel 'reconciliation' tal-perjodu kollu ta' meta kien impjegat mal-kumpanija Galea u skond ix-xhud meta ghamel hekk harget diskrepanza ta' bejn wiehed u iehor elf lira. Il-perjodu kien minn Awissu sa Settembru, 1998. Kitbu lil Raymond Galea, talbuh din is-somma ta' elf lira, u l-Avukat ta' Raymond Galea kien offra bla pregudizzju s-somma ta' sitt mitt lira. Pero' s-Sur Mizzi mhux talli ma accettax din is-somma, talli ried illi issir ir-'reconciliation procedure' mill-bidu nett u ghalhekk ix-xhud beda sabiex ghamel din il-procedura u mar lura san-1996. Skond ix-xhud fin-1996 l-imputat Martin Formosa kien il-'loader' tal-kumpanija, jigifieri l-bniedem illi johrog il-'loading' kollu tal-vans kollha tal-kumpanija. L-ammont kollu li irrizulta lix-xhud bhala diskrepanza kienet ta' 'il fuq minn hmistax il-elf lira Maltin. Ix-xhud gharaf il-firma tal-imputat Martin Formosa fuq diversi 'loading sheets' u gharaf ukoll il-marka tal-imputat Raymond Galea. Ix-xhud kompla jghid illi fil-kaz tad-'delivery man' ma kellhomx x'jaqsmu l-imputati, pero' Martin Formosa dejjem kien ikun il-persuna li jircievi l-ordni u li jghabbi l-ordni fil-van. Ma kienx jghabbiha hu fizikament, id-doveri tieghu f'dak il-punt kienu ta' natura klerikali. L-affarijiet kienu jinzlu mill-istore, kienu inizzluhom l-impjegati ta' Chef Choice u qabel ma l-affarijiet jghabbuhom fil-van jew jigu 'counted', jew inkella jitnizzlu wiehed, wiehed u l-imputat Martin kien inizzel jew in-numru jew inkella il-piz. Fil-kaz tad-'delivery man' Fomosa kien inizzel dan fl-'invoice' u f'kaz ta' 'salesman' l-imputat Formosa inizzlu fuq il-'loading sheet'. Ix-xhud qal illi fil-kaz tad-'delivery man' ma sab l-ebda diskrepanza. Id-diskrepanza instabet fil-kaz tas-'salesman' fil-'loading sheets'. Ix-xhud kompla jghid illi huwa ma kienx jaf

ezattament x'kien jaghmel is-salesman qabel ma isir il-'loading'. Ma kienx jaf iwiegeb jekk kienx ikun hemm 'records' bil-miktub ta' x'hin talab li jigi mghobbi s-'salesman' qabel ma jidhlu l-'entries' fil-'loading sheets'.

Illi rega' xehed Joe Mizzi u fost affarijiet ohrajn huwa xehed illi darba minnhom ghamlu 'spot check' fuq 'salesman' partikolari u sabu li kien hemm kaxxa vitella li ma kienitx giet recordjata fl-'issueing note'. Irrizulta li dakinhar is-'salesman' in kwistjoni kien certu Paul Saliba. Pero' l-'invoice clerk' kien Martin Formosa.

Illi rega' xehed Martin Tabone u qal illi Martin Formosa ma kienx involut fil-procedura tal-'cash reconciliation'. Fl-ahhar tal-gimgha kienet issir 'reconciliation' ta' l-istocks, jista jkun li kien hemm perjodu meta dan ma kienx qieghed isir. Ix-xhud kompla jghid li certu Mario Schembri u certu Duncan Agius kienu ukoll impjegati mal-kumpanija u kienu wkoll jaghmlu dan ix-xoghol ta' Martin Formosa filghodu u dana jekk Martin Formosa kien ikun bil-'leave' jew kien ikun ma jiflahx, altrimentri Mario Schembri kien 'in charge' 'loading bay', pero' aktar kien 'in charge' mis-'sales'. Ix-xhud kompla jghid illi d-data tal-'loading sheet' kienet tintela fuq il-computer minn Martin Formosa. Il-'loading sheet' kienet tigi iffirmata meta l-'loading' ikun spicca u mhux qabel. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat Raymond Galea gieli iffirma l-'load sheet' u gieli le. Pero' anke meta ma iffirmahiex kellu kopja taghha. Meta Galea ma jiffirmax u ikollu biss il-'load sheet' originali u mhux ivverifikata ma jkunx jaf jekk naqsitx xi haga jew le, jekk ma joqghodx jivverifika x'hemm fuq il-'load sheet' ma dak li hemm fuq il-van. Ix-xhud kompla jghid li kien ikun hemm haddiema ohrajn fuq il-floor. Huwa ma kienx ikun hemm isfel mal-haddiema. Kien ikun fuq fl-ufficju tieghu. Huwa xehed illi huma kienu javdaw is-'salesman' u ma kien ikun hemm hadd jivverifika jekk fil-fatt kienx isegwi l-procedura jew le.

Illi xehed l-imputat Martin Formosa fis-sens illi kien hadem mal-kumpanija Chef Choice u ittermina volontarjament l-impieg tieghu minn ma dik il-kumpanija f'Awissu 1999. Huwa kien impjegat bhala skrivan, pero' peress illi kien

hemm hafna xoghol ma setghax jaghmel ‘stock taking’ u gie mitlub jaghmel ‘general duties’. Kien jipprepara l-flus tal-kaxxiera ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu, umbaghad kien jipprepara l-ordnijiet li jridu jmorru ghad-‘deliveries’ u jimputtja l-‘loading charts’ fil-computer. Wara nofsinhar kif jidhlu lura s-‘salesmen’ wara li jkunu ghamlu d-‘deliveries’, kien jehdilhom il-‘cash books’ u jimputtjahom fil-‘computer’ u precizament fil-‘sales day book’, fejn kien idahhal l-isem tal-hanut u l-prodott mibjugh u l-ammont tal-flus li jkunu dahlu s-‘salesman’, jew jekk il-flus ikunux ‘cash’ jew inkella ‘credit’. Kien jaghmel distinzjoni bejn ‘invoicing’ jew inkella ‘credits’. Dwar l-‘orders’ tad-‘deliveries’ l-imputat xehed illi dawn kienu jircevuhom permezz tat-telephone u kienu jikbu l-ordnijiet fuq ‘diary’. Fl-ahhar tal-gurnata jaraw x’ordnijiet jkunu dahlu u jaghmlu ‘summary’ tal-‘items’ li jkun hemm bzonn ghal kull ‘delivery’. L-imputat Formosa kompla jixhed illi huwa umbaghad kien jikteb fuq l-‘invoice book’ l-‘items’ li jkun ordna l-klijent u kif johorgulu l-affarijiet mill-freezer kien jghabbi bil-van tad-‘deliveries’ skond l-ordnijiet li jkun hemm. Huwa xehed illi x-xoghol ma kienx iggoru hu, kienu iggoruh il-haddiema. Kien ikun hemm tnejn min nies jaghmlu d-‘deliveries’ u erbgha jaghmlu s-‘sales’. Huwa kien jinzel bl-‘invoice book’ u kien jghid lis-‘salesman’ kemm kellu jghabbilu affarijiet u flimkien kienu jiktbu fuq l-‘invoice book’ u jaghmlu l-kont, dan ghal dak li jirrigwardja d-‘deliveries’. It-tghobbija tal-oggetti fuq it-‘truck’ kien jaghmilha d-‘deliveryman’. Rigward ix-xoghol li kienu jiehdu s-salesman kien hemm diversi haddiema li kienu jaghmlu dan ix-xoghol u xoghol l-imputat Formosa kien li kienu jaghtuh il-karti illi kienu jiktbu fuq il-‘loading charts’ u jimputtja l-ammonti fuq il-‘computer’. Il-‘loading charts’ kienu jintlew minn erbgha skrivani, Adrian Attard, Mario Schembri, Duncan Agius u iehor li ma ftakarx x’kien jismu. L-imputat Formosa kompla jixhed li kien jigi s-salesman filghodu jaqbad l-ktieb u jikteb l-ordnijiet li jkollu bzonn, l-items li jkollu bzonn ghal kull ordni, jaghtihom lil haddiema u johrogulu x-xoghol mill-freezer. Umbaghad jaghmlu x-xoghol f’dan il-mizien, ix-xoghol jintizen u jinkiteb il-kejl fuq il-‘loading charts’ u dan skond l-imputat kien jinkiteb minn wiehed minn dawk l-erbgha salesmen illi semma hu u kif ilestu fl-ahhar tal-gurnata s-salesmen jaghtuh il-karti u hu

kien semplicement jimputtja kollox bil-computer. Gieli mela xi dettalji fuq il-'loading sheets', imma dan ma kienx ikun ix-xoghol normali tieghu u lanqas ma kien xogholu li jaghmel xi verifika bejn ix-xoghol li jkun gie mghobbi u x-xoghol illi effettivament ikun gie mibjugh. L-imputat xehed illi meta kien idahhal id-data fuq il-computer kien johrog print out li kien jghaddiha lil Joe Mizzi jew lil Mario Tabone tal-accounts u dan ix-xoghol baqa jaghmlu sal-ahhar gurnata li spicca mix-xoghol minn jeddu. L-imputat kompla jghid illi huwa kien jiffilja dawn il-'loading sheets' li ma kienux jghaddu mal-print out, kien ipoggi il-'file' fil-'locker' u kemm is-Sur Joe Mizzi u kif ukoll tal-accounts kellhom access ghal dawn il-files. Fil-fatt kienu accessibbli ghal dawn il-persuni u kullhadd seta' jikteb fuqhom minghajr l-ebda kontroll minn hadd. L-imputat xehed ukoll illi fil-perjodu illi dan impjegat mal-kumpanija Chef Choice ma kienx isir 'stock controll' peress illi kien hemm nuqqas ta' haddiema. Huwa ma kienx jaghmel 'reconciliation' u sa fejn jaf hu hadd ma kien qieghed jaghmilha. Huwa xehed illi kemm dam impjegat mas-Chef Choice hadd mid-Diretturi qatt ma gibidlu l-attenzjoni tieghu ghal xi diskrepanza li seta' kien hemm fl-stock taking excercise illi kienu ghamlu, dejjem jekk kienu ghamluh. Huwa xehed ukoll illi Joe Mizzi gieli ghamel 'spot checks' fuq il-vans u qatt ma sab xi diskrepanza. L-imputat kompla jixhed illi huwa kien responsabbli ghal-'loading' tal-vans tad-'delivery' u mhux ghal vans li kienu johorgu bihom is-'salesman'. Huwa xehed illi kien ikun fil-kamra fejn is-'salesman' kienu jkunu jghabbu l-affarijiet, pero' qal illi qatt ma dahal fil-van u qatt ma qaghad inizzel x'kienu qeghdin jghabbu, hlief ghal xi okkazzjonijiet. Huwa rega' xehed illi qatt ma iccekja jew ghamel 'reconciliation' bejn il-flus li dahhal is-'salesman' u l-flus illi suppost dahhal. Huwa qatt ma ghamel dak l-ezercizzju ghaliex dak l-ezercizzju suppost illi kien qieghed isir fl-ufficju u ma kienx parti minn xogholu. Dwar dik il-kaxxa tal-vitella li ma kienitx tnizlet huwa xehed illi dakinhar kien hemm nies neqsin, kienu baghtuh biex jaghmel 'stock taking' tal-van u meta kien qed jaghmel l-'stock taking' bi zvista ma kienx ra dik il-kaxxa vitella. Huwa xehed illi din kienet okkazzjoni unika.

Illi xehed l-imputat Raymond Galea u qal illi hadem mal-kumpanija Chef Choice darbtejn, l-ewwel darba dam jahdem maghhom tlett snin u nofs u dan kien ghall-habta tan-1994 u sussegwentement rega' dahal jahdem maghhom u dam jahdem maghhom madwar sitt xhur. Fit-tieni okkazzjoni li hadem maghhom kienu qalulu li kienu qeghdin isibu xi flus neqsin. Talbuh jirrizenja u qalulu li ried iroddilhom il-flus li allegatament kien hadilhom. Ghalhekk l-imputat Raymond Galea mar ikellem lill-Avukat tieghu. Huwa xehed illi xogholu kien li jahdem bid-dawra filghodu, imur lura jara x'ikun naqaslu peress li jkun biegh dak l-oggett, imur ghand Joe Mizzi jew Mario Tabone, jurihom l-isem tal-hanut, l-item li jkun biegh u l-ammont ta' flus li jkun dahhal u fl-ahhar tal-gurnata inizzlilhom kollox mill-van, jaraw x'kien biegh jew ma bieghx matul il-gurnata, jaraw li dahhal kollox bhala 'stocks' u bhala flus, johorgulu karta li ghal dik il-gimgha kollox sew peress illi jkunu qablu. Huwa xehed illi gieli kien ikun hemm okkazzjonijiet li ma kienux jaqblu peress illi per ezempju ma jgharfux il-kitba tal-'item', umbaghad iduruha flimkien u dejjem fl-ahhar tal-gurnata kienu jaqblu. Huwa xehed ukoll illi tac-Chef Choice ghandhom hanut mal-fabbrika, meta jonqoshom xi xoghol u fil-fabbrika ma jkollhomx, kif kienu jidhlu lura bil-vans, johrog il-Manager u per ezempju jitlob lil dak li jkun tlett kaxxi laham halli ibieghuhom mill-hanut. Huwa xehed illi kien hemm tlett 'salesmen' ohrajn mieghu dak iz-zmien illi kien jahdem mal-kumpanija. Huwa xehed ukoll illi kienu isirulhom hafna 'spot checks' u dejjem qablu meta saru dawn l-ispot checks. L-imputat kompla jixhed li kien mar jghid b'kollox lil Dr Jose Herrera, qallu li gie akkuzat li serqilhom elf lira u l-Avukat kien qallu illi kien ser jiktbilhom minghajr pregudizzju u joffrilhom is-somma ta' sitt mitt lira sabiex jara x'ghandhom f'mohhom. Huwa xehed illi lil Avukat qallu illi huwa ma kellu jaghtihom xejn. Pero' l-avukat assigurah illi huwa kien qieghed jiktbilhom din l-ittra semplicement biex jara x'ghandhom f'mohhom. F'daqqa wahda minn elf lira tac-Chef Choice qalulu li kellu jaghtihom hmistax il-elf lira. Kienu iltaqghu il-Qorti u huwa kien qalilhom illi ma kellu jaghtihom xejn u jekk riedu setghu imorru l-Qorti. L-imputat Galea kompla jixhed illi meta kien jghabbi il-van filghodu qabel jitlaq kien ikun hemm prezenti hafna nies,

kienu inizzlu dak li ikun qieghed jghabbi fil-van u kienu jiehdu rendikont, kien jintizel kollox  u kien ikun hemm per ezempju kaxxa laham u qabel ma idahhalha fil-van trid tizinha.  Huwa xehed illi dejjem kien jghaddi l-karti kollha tal-bejgh lil Joe Mizzi, lil Mario Tabone u lil certu wiehed Jonathan u gieli hadhom ukoll id-Direttur.  Huwa xehed illi l-inkwiet kollu beda meta ma instabitx kaxxa vitella u xehed illi dik il-kaxxa vitella ma kienitx ghandu imma ghand ‘salesman’ iehor Paul Debattista.

Illi xehed Dr Jose Herrera li ikkonferma x-xhieda tal-klijent tieghu Raymond Galea fis-sens illi Galea kien qallu illi huwa ma kellu jaghti xejn lis-Chef Choice Limited u kienet intbaghtet l-ittra fejn kienu offrew sitt mitt lira lis-Chef Choice minghajr pregudizzju semplicement fuq inizzjattiva ta’ Dr Herrera stess u minghajr pregudizzju.

Illi xehed certu Adrian John Attard li kien jahdem mal-kumpanija Chef Choice u jiftakar lill-imputat Raymond Galea jahdem hemm hekk ukoll u xehed illi sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm xi problemi bejn l-imputat Raymond Galea u d-dirigenti tal-kumpannija Chef Choice.

Illi xehed Duncan Agius illi kien impjegat mal-kumpanija Chef Choice Limited fiz-zmien li kien jahdem hemm hekk ukoll Raymond Galea.  Huwa xehed illi xogholu kien li jiccekja l-flus li igibu lura s-‘salesmen’ wara r-ronda taghhom u gieli wkoll kien jghabbi x-xoghol hu stess u jiehu r-rapport ta’ dak illi kien jaghmel.  Huwa ikkonferma illi filghodu stess meta kienu jghabbu x-xoghol, umbaghad kien ikun hemm mizien fejn ix-xoghol kien jintizen u jitnizzel fuq ‘stock sheets’ ta’ dak li jkun ghabba kull ‘salesman’ kulljum.  Jerga jigi lura s-salesman bil-van tieghu, ikollu ktieb tal-ircevuti u tohrog reconciliation ta’ kulljum tas-‘salesman’.  Huwa xehed illi s-salesman kien iktar minn wiehed, kien hemm erbgha f’dak iz-zmien partikolari u qatt ma irrizultalu li kien hemm xi problema fil-konfront tal-imputat Galea.

Illi xehed ukoll Mario Schembri li kien jahdem mal-kumpanija Chef Choice fiz-zmien illi kien jahdem hemm hekk l-imputat Raymond Galea. Huwa ikkonferma x-

xhieda ta' Raymond Galea dwar kif kien isir ix-xoghol u xehed illi ma kellu l-ebda problema ma Raymond Galea meta jigi biex jaghmel reconciliation. Sussegwentement huwa xehed illi huwa kien jaf ukoll lil Martin Formosa li wkoll kien jahdem mac-Chef Choice fiz-zmien li kien jahdem maghhom hu u xehed illi f'dak iz-zmien huwa kien responsabbli mill-'loading' meta kienu jiehdu x-xoghol is-salesmen. Huwa xehed illi l-'loading sheets' kien iffirmahom is-salesman u Martin Formosa kellu ufficju ghalih, kien jimputtja d-data fil-computer u l-'loading sheets' wara li jidhlu fil-'computer' ma setghux jerghu jghaddu minn idejn ix-xhud. Huwa xehed ukoll illi s-'sales day book' kien ikollu access ghalih is-Sur Joe Mizzi.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ser tibda billi tara jekk jirrizultawx l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Martin Formosa. Illi dan l-imputat jinsab akkuzat b'misappropjazzjoni ta' flus fis-somma ta' hmistax il-elf lira Maltin. Illi fil-perjodu li kien impjegat mal-kumpannija Chef Choice, cioe' mill-1996 sal-1998 dan l-imputat kellu l-kariga ta' data input clerk. Kien ikun hemm pero' okkazzjonijiet fejn kien jigi mitlub mid-dirigenti tal-kumpanija sabiex jassisti fil-'loading' tal-merkanzija.

Illi fil-perjodu ta' wara illi Martin Formosa ma baqghax jahdem iktar mal-kumpanija irrizultaw lid-dirigenti tal-kumpanija diskrepanzi bejn il-'loading charts' u l-'cash sale documents', jew dokumenti ohrajn li jindikaw il-bejgh tal-merkanzija, jew il-merkanzija ritornata kull gurnata.

Illi dwar is-sistema tal-merkanzija uzata bhal delivery orders jirrizulta li ma kien hemm l-ebda diskrepanza u l-ebda ilment mid-dirigenti tal-kumpanija f'dan is-sens.

Illi l-problema fir-rigward tal-imputat Martin Formosa tirrigwarda is-sistema l-ohra illi li kellhom id-dirigenti tas-Chef Choice meta kienet tinhareg merkanzija mill-istores biex tinghata lis-salemen illi kienu iduru l-hwienet sabiex jaghmlu l-bejgh, umbaghad issir reconciliation fl-ahhar tal-gurnata.

Illi l-imputat Martin Formosa gieli intalab sabiex ikun prezenti fuq bank hdejn il-van ta' salesman partikolari sabiex jara x'qieghed jinghata lis-salesman u jaghmel il-'loading charts' ghal dik il-gurnata.

Illi pero' mix-xhieda illi giet imressqa ma irrizutax illi l-imputat Martin Formosa kien involut fir-reconciliation illi kienet issir fl-ahhar tal-gurnata meta kien jinghata rendikont shih ta' x'merkanzija giet lura jew inkella x'merkanzija inbieghet lil tal-hwienet u l-aktar importanti l-flus li jkunu ghaddew lis-saleman partikolari. Effettivament l-istess Mario Tabone xehed illi l-imputat Formosa ma kienx ikun involut f'din il-'cash reconciliation', pero' ma kellu x'jaqsam xejn ma flus in kontanti, jew cekkijiet li kienu jdahhlu s-'salesman'. Irrizulta effettivament illi Martin Formosa kien nizzel dak illi kien ikun qieghed jara b'ghajnejh illi qieghed jitghabba fil-van ta' salesman partikolari. Huwa ma kienx l-unika persuna li kien jaghmel dan ix-xoghol, kien hemm fil-fatt zewg impjegati ohrajn illi wkoll kienu jaghmlu l-istess xoghol tieghu.

Illi irrizulta wkoll illi fil-perjodu in kwistjoni kien hemm pressjoni ta' xoghol fil-kumpanija, kien hemm ukoll xi nuqqas ta' prodotti u ghalhekk ma kienitx qeghda issir 'reconciliation' u 'stock taking' kif suppost. Irrizulta illi d-'daily stock taking' u r-'reconciliations' illi saru anke fil-prezenza tal-imputat Martin Formosa dejjem kienu regolari u qatt ma kien hemm xi ilment fil-konfront ta' dan l-imputat.

Illi l-audited account tal-kumpannija Chef Choice ma jitfghu l-ebda dawl fuq id-diskrepanzi li qeghdin jallegaw li kien hemm id-dirigenti tal-kumpanija Chef Choice u ghaldaqstant qatt ma jistghu iwasslu ghal xi sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputat Martin Formosa. Il-Qorti tiddikjara illi mill-provi prodotti ma irrizultax sal-grad rikjest mil-Ligi illi dan l-imputat imisapproprja s-somma ta' hmistax il-elf lira Maltin kif imsemmi fl-akkuza. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda **tillibera** lill-imputat **Martin Formosa** minn kull imputazzjoni htija u piena.

Illi fir-rigward tal-imputat Raymond Galea dan ukoll jinsab akkuzat bir-reat ta' misappropjazzjoni ukoll fl-ammont ta' hmistax il-elf lira ghad-dannu tas-socjeta' Chef Choice Limited.

Illi gew esebiti dokumenti da parti tad-Diretturi tal-kumpanija illi allegatament huma iffirmati mill-imputat illi pero' dan l-imputat jghid illi dik il-firma mhijiex tieghu u dan kif jirrizulta mill-istqarrija illi ghamel dan l-imputat lill-pulizija.

Illi l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-proceduri ma talbet lill-Qorti sabiex tahtar espert indipendenti ghall-fini ta' verifika jekk il-firma li tidher fuq dawk id-dokumenti hijiex effettivament dik tal-imputat Galea jew le.  L-imputat jghid illi dik il-firma mhijiex tieghu u ghaldaqstant dawn id-dokumenti ma jistghux jissostanzjaw l-akkuza tal-prosekuzzjoni.

Illi l-istess direttur Joseph Mizzi xehed illi d-dokumenti in kwistjoni ma gewx maghmula mill-imputat Raymond Galea, imma minn persuni ohrajn.

Illi s-suspett fil-konfront tal-imputat Raymond Galea beda meta d-diretturi sabu kaxxa vitella nieqsa.  Irrizulta pero' mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u precizament mix-xhieda ta' Joseph Galea, General Manager tal-kumpanija Chef Choice illi meta kien sar spot check u instabet din il-kaxxa tal-vitella din instabet go truck ta' salesman iehor u mhux tal-imputat Galea.

Illi xhieda tal-prosekuzzjoni rigward din il-kaxxa vitella ma taqbilx ghaliex id-direttur tal-kumpanija xehed illi l-kaxxa tal-vitella nieqsa suppost illi kienet fit-truck tal-imputat Galea, mentri kif diga intqal il-General Manager xehed illi din kienet fit-truck ta' salesman iehor u mhux tal-imputat Galea.  Ghaldaqstant hawn hekk jirrizulta <u>konflitt car fil-provi tal-Prosekuzzjoni.</u>

Illi wkoll xehdu diversi impjegati tal-kumpanija Chef Choice illi qatt ma irrizultalhom li kien hemm xi diskwid jew xi diskrepanza f'xoghol Raymond Galea.

Illi fil-perjodu in kwistjoni kif diga inqal kien hemm zmien fejn kien hemm pressjoni ta' xoghol, kien hemm nuqqas ta' impjegati, ma kienx qieghed isir l-istock taking u ma kienitx qeghda issir ir-reconciliation kif suppost. Id-diretturi irrizultalhom illi l-kumpanija kienet qeghda titlef il-flus u b'hekk riedu jaraw x'kien qieghed jigri u dahlilhom is-suspett anke minhabba li sabu kaxxa vitella nieqsa, 'unaccounted for', dahhlilhom suspett illi l-impjegati taghhom kienu qeghdin jisirquhom. Izda minn naha l-ohra l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni u precizament Mario Schembri, l-accountant xehed illi fil-fatt il-perjodu in kwistjoni kien qieghed isir stock taking b'mod regolari u ghaldaqstant anke hawn hekk ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qablux bejniethom.

Illi irrizulta illi mhux l-impjegat Galea biss kien salesman, izda kien hemm tlett salesmen ohrajn mieghu li kollha kienu qeghdin jahdmu mal-kumpanija Chef Choice fl-istess zmien li kien impjegat l-imputat Galea.

Illi l-Qorti ma issib l-ebda ness bejn il-flus illi l-kumpanija qeghda tghid illi tilfet u cioe' hmistax il-elf lira Maltin u xi agir tal-imputat Galea. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qeghda tiddikjara lil dan l-imputat ukoll mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------